ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

L-Eżamijiet Annwali għall-Iskejjel Medji 2023

IS-SEBA' SENA IL-MALTI (L-ORALI) IL-ĦIN: 10 minuti

IL-KARTA TAL-ISTUDENT (KARTA 4)

4A: Il-Qari Mgħajjat 2 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

Waqt l-eżami inti se tintalab mill-eżaminatur biex taqra parti minn din is-silta. Qis li tagħti kas tal-intonazzjoni u l-punteġġjatura biex il-qari tiegħek ikun mexxej u jaqbel mas-sens tas-silta.

Is-silta: Ħamsa u GĦoxrin Tarġa

Dawk il-ħamsa u għoxrin tarġa kien jarahom żejda wisq. U kien qed ikollu jitlagħhom kuljum! Kuljum kien ikollu ittra xi jwassal lil dik ix-xwejħa li toqgħod waħedha fit-tieni sular. L-ittri kienu dejjem tal-istess daqs u għamla kif ukoll ta' kulur roża. Vanni kien ilu 'l fuq minn ħmistax-il sena jagħmel ix-xogħol ta' pustier imma qatt ma kien iltaqa' ma' każ stramb bħal dan.

Ix-xwejħa kienet dejjem twajba miegħu. Kienet tistiednu jidħol ġewwa biex joqgħod ftit bilqiegħda. Fil-jiem kesħin tax-xitwa kienet toffrilu kikkra te sħuna u xi biskuttell. U meta t-temp beda jisħon kienet tlestilu xi xarba kiesħa biex ittaffilu mis-sħana. Vanni kien ikun fuq ix-xwiek biex jitlaq ħalli jissokta b'xogħlu iżda hi kienet tisfurzah u beda jaqtgħalha xewqitha.

Fuq dawk l-ittri roża tkellem ukoll ma' martu imma lanqas hi m'għarfet tagħtih dawl fuq dik l-affari. Jum wieħed, mart Vanni ltaqgħet man-neputija tagħha Nicole. It-tfajla wrietha ittra u qaltilha li kienet sejra timpustaha. Kienet ittra roża! Xtaqet issir taf iżjed dwar dik l-ittra u allura staqsietha minn fejn kienet tixtri dawk l-enviloppi sbieħ.

"Dawn mhux jien nixtrihom," qaltilha Nicole. "Dawn tagħtihomli waħda xwejħa li toqgħod f'tarf ir-raħal biex nimpustahomlha. It-tajba hi li tindirizzahom lilha nnifisha u tirċevihom hi stess!

(silta meħuda u addattata minn *Stejjer għad-Diskussjoni* ta' Carmel G. Cauchi)

4B: Wieġeb il-mistoqsijiet kollha. 4 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

Aqra sew dawn il-mistoqsijiet u pprepara t-tweġibiet għalihom biex tiddiskutihom mal-eżaminatur. Tista' tikteb xi noti FUQ KARTA SEPARATA biex tużahom waqt id-diskussjoni mal-eżaminatur. Tista' tikkwota mis-silta biex issaħħaħ il-fehmiet tiegħek.

1. Taħseb li Vanni kellu raġun igerger fuq it-taraġ? Għaliex?
2. Għaliex taħseb li dik ix-xwejħa kienet qiegħda tindirizza u timposta dawk l-ittri lilha nnifisha?
3. X'taħseb dwar il-karattru ta' Vanni?
4. X'taħseb li huma d-diffikultajiet tal-anzjani li jgħixu waħedhom?

4Ċ: It-Taħdit 4 minuti / 5 marki

Istruzzjoni għall-istudenti: TIKTEB XEJN FUQ DIN IL-KARTA

*Mal-eżaminatur ser tiddiskuti titlu **wieħed** minn dawn t'hawn isfel. Tista' tikteb xi noti FUQ KARTA SEPARATA biex tużahom waqt id-diskursata. L-eżaminatur jista' jagħmillek xi mistoqsijiet biex jgħinek tiżviluppa l-ħsibijiet tiegħek. L-istampi jistgħu jgħinuk ukoll. Qis li titkellem b'Malti tajjeb u idjomatiku.*

Agħżel titlu bejn **A jew B**.

A. Is-Solitudni tax-Xjuħija

JEW

B. Atti ta’ Karità mal-Proxxmu

PAĠNA VOJTA